MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2005

Numru 215/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur M. Tonna)**

**vs**

**Alberta Amato**

**Illum 9 ta' Mejju, 2005**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Alberta Amato ta' 19 il sena mwielda Pieta nhar it-22 ta' Awissu 1985 bin Albert u Doreen nee` Spiteri residenti 104 Rye Triq Albert Carlo Manche Gzira detentur ta' Karta tal-identita Nur. 434985M, giet akkuzata talli matul ix-xahar ta' Jannar u Frar 2005 f'diversi bnadi fil-gzejjer Maltin xjentement

laqghet ghandha, xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew indahlet sabiex tbieghhom jew tmexxihom diversi oggetti u cioe, apparat ta' mobile phone u dan ai terminu tal-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-imputata ddikjarat li m'ghandhiex htiega ta' avukat.

Il-Qorti spjegat lill-imputata rigward id-dritt taghha li tkun assistita minn avukat u l-imputata regghet iddikjarat li m'ghandhiex htiega ta' avukat.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. MT3 u nnutat li l-imputata m'ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta' llum l-imputata ammettiet l-akkuza migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u tatha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata regghet wiegbet li hi hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Mario Tonna iddikjara li l-imputata kkoperat mal-pulizija u li hallset l-ammont dovut kemm jiswa l-mobile phone attribwit lill-persuna li kien insterqilha.

Rat l-artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputata Alberta Amato, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza, l-eta` tenera tal-imputata u l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Mario Tonna iddikjara li l-imputata kkoperat mal-pulizija u li

hallset l-ammont dovut kemm jiswa l-mobile phone attribwit lill-persuna li kien insterqilha u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputata Alberta Amato ghall-piena ta’ tmintax-il (18) xahar prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta’ tliet (3) snin mil-lum l-imputata Alberta Amato tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata Alberta Amato l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------